**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 8 TA' JANNAR, 2002

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 534/01 AE**

**Edward u Dolores konjugi Delicata**

**vs**

**Anthony Griffiths u martu Roma Griffiths, u b'digriet tal-5 ta' Settembru 2001 issejhu, fil-kawza Yvonne Nicholl, Doreen Diana Nicholl, Edgar u Patricia Izzo u Lilian Bayona**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400), ghall-hsara li saret

fil-propjeta taghhom 13, Hughes Hallet Street, Sliema b'rizultat ta' xogholijiet li saru mill-konvenuti f'sit adjacenti.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha kkontestaw it-talbiet attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum li permezz tieghu l-atturi rrinunzjaw ghat-talba ghall-hlas ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400), u zammew ferm l-ispejjez.

Ra d-dikjarazzjoni li ghamel l-avukat Dr. Edward Saliba ghan-nom tal-konvenuti u l-imsejha fil-kawza, li permezz taghha ammetta l-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu, jikkundanna lill-konvenuti u l-imsejha fil-kawza sabiex jhallsu l-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) tal-kawza.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**